

Brussell, 21 ta' April 2020
(OR. en)

7440/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0061 (NLE)**

TRANS 162

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 154 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għall-adozzjoni ta' modifiki tal-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, il-UTP dwar l-immarkar tal-vettura, u għall-adozzjoni ta' rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) u l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-reġistri tal-vetturi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 154 final.

Mehmuż: COM(2020) 154 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.4.2020
COM(2020) 154 final

2020/0061 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għall-adozzjoni ta' modifiki tal-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, il-UTP dwar l-immarkar tal-vettura, u għall-adozzjoni ta' rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) u l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-reġistri tal-vetturi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

It-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (CTE) tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) se ssir f'Bern, l-Iżvizzera, nhar is-16 u s-17 ta' Ġunju 2020. L-aġenda tal-laqgħa tinkludi:

- Proposta għall-modifika tal-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti;
- Proposta għall-modifika tal-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija;
- Proposta għall-modifika tal-UTP dwar l-immakar tal-vettura;
- Proposta għar-rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ir-Regolament dwar l-ECM); kif ukoll
- Proposta għar-rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet rigward ir-reġistri tal-vetturi.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar id-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq li se jiġu adottati mis-CTE għandha tiġi stabbilita b'Deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF)

Il-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata fil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 ("COTIF"), hija ftehim internazzjonali li kemm l-Unjoni kif ukoll 25 Stat Membru huma Partijiet Kontraenti għalih (Ċipru u Malta biss mhumiex).

L-Unjoni Ewropea nqasdet mal-COTIF bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011¹. L-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni stabbilixxa l-arranġamenti interni għall-Kunsill, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni waqt proċedimenti skont l-OTIF. Skont il-punt 3.1 tal-istess Anness III, fejn punt fl-aġenda jikkonċerna kwistjonijiet ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvota f'isem l-Unjoni.

Skont l-Artikolu 2(1) tal-COTIF, l-għan tal-OTIF huwa li tippromwovi, ittejjeb u tiffaċilita, f'kull aspekk, it-traffiku internazzjonali bil-ferrovija, b'mod partikolari billi tistabbilixxi sistemi ta' liġi uniformi f'diversi oqsma tal-liġi relatati mat-traffiku internazzjonali bil-ferrovija. Il-COTIF tirregola wkoll it-tmexxija tal-Organizzazzjoni, l-oġġettivi, l-attribuzzjonijiet, ir-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Kontraenti, u l-attivitatijiet tagħha b'mod ġenerali.

Il-COTIF għalhekk tittratta l-leġiżlazzjoni ferrovjarja fuq għadd ta' kwistjonijiet legali u tekniċi ferrovjarji differenti, li huma maqsuma f'żewġ partijiet: il-Konvenzjoni nnifisha, li tirregola l-ġestjoni tal-OTIF, u t-tmien Appendiċijiet (inkluż Appendiċi H ġdida li għandha tiġi adottata waqt it-13-il Assemblea Ġenerali li jmiss tal-OTIF) li jstabbilixxu liġi ferrovjarja uniformi.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103 tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (*ĠUL 51, 23.2.2013, p. 1*).

- Appendiċi A – Kuntratt tat-Trasport Internazzjonali ta' Passiġġieri bil-Ferrovija (CIV)
- Appendiċi B – Kuntratt tat-Trasport Internazzjonali ta' Prodotti bil-Ferrovija (CIM)
- Appendiċi C – Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Ferrovija (RID)
- Appendiċi D – Kuntratt tal-użu ta' vetturi fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija (CUV)
- Appendiċi E – Kuntratt tal-użu ta' infrastruttura fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija (CUI)
- Appendiċi F – Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-Validazzjoni ta' Standards Tekniċi u l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għall-Materjal tal-Ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-Traffiku Internazzjonali (APTU UR)
- Appendiċi G – Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali (ATMF UR)
- Appendiċi H – Regoli Uniformi dwar l-operat sikur tal-ferroviji fit-traffiku internazzjonali (EST UR)

Abbażi tal-Appendiċijiet F u G tal-COTIF, hemm 12-il Preskrizzjoni Teknika Uniformi (UTPs) għall-interoperabbiltà teknika. L-UTPs fil-qafas ta-COTIF għandhom l-istess għan bħall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-UE għall-interoperabbiltà (TSIs) għall-ammissjoni fit-traffiku internazzjonali.

42 mis-47 Stat li huma Partijiet għall-COTIF, inkluż il-25 Stat Membru tal-UE diġà msemmija, japplikaw l-Appendiċijiet F u G.

2.2. Il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-OTIF

Is-CTE huwa korp imwaqqaf mill-Artikolu 13(1)(f) tal-COTIF. Huwa magħmul mill-Istati Membri tal-OTIF li japplikaw l-Appendiċijiet F u G (APTU, ATMF) tal-COTIF.

Is-CTE għandu kompetenza fi kwistjonijiet ta' interoperabbiltà u armonizzazzjoni teknika fil-qasam ferrovjarju, kif ukoll proċeduri ta' approvazzjoni teknika. Jiżviluppa l-Appendiċijiet APTU u ATMF u r-Regoli Uniformi tiegħu, li japplikaw għal materjal ferrovjarju bl-intenzjoni li jintuża fit-traffiku internazzjonal, li jikkonċernaw b'mod partikolari:

- l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi għall-vetturi u għall-infrastruttura, u l-validazzjoni tal-istandards;
- il-proċeduri li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-konformità tal-vetturi;
- id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-manutenzjoni tal-vetturi;
- ir-responsabbiltajiet għall-kompożizzjoni tal-ferroviji u l-użu sikur tal-vetturi;
- id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju;
- l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri.

Is-CTE bħalissa għandu grupp ta' ħidma permanenti (WG TECH) li huwa responsabbli għat-tnejn tad-deċizzjonijiet tas-CTE.

Skont l-Artikolu 20(1)(b) tal-COTIF, u f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Appendiċi F (APTU), is-CTE għandu l-kompetenza biex jadotta jew jemenda l-UTP. F'konformità mal-Artikolu 13(1), (4) u (5) tal-Appendiċi G (ATMF), is-CTE għandu l-kompetenza wkoll biex jieħu

deċiżjonijiet dwar it-tfassil jew il-modifika, it-tgħaqqud jew l-irtirar tar-Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi Ferrovjarji (NVR). Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 15(2) tal-AMTF, is-CTE għandu l-kompetenza biex jadotta u jemenda regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-Entitajiet Responsabbli mill-Manutenzjoni (ECM).

2.3. L-adozzjoni ta' atti mis-CTE

Skont l-Artikolu 6 tal-APTU, is-CTE għandu jiddeċiedi jekk jadottax UTP jew dispożizzjoni li temendaha, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 16, 20 u 33 § 6 tal-Konvenzjoni. Il-proċess ta' adozzjoni tas-soltu għall-UTPs jista' jieħu madwar sena u nofs.

2.4. L-atti previsti li għandhom jiġu adottati mis-CTE waqt is-sessjoni tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2020

2.4.1. Modifika tal-UTP rigward l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-vaguni tal-merkanzija u l-immarkar tal-vettura

Il-Prekriżzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTPs) tal-OTIF huma sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jtnisslu mill-prinċipji, l-oġettivi u l-proċeduri tal-COTIF għall-kostruzzjoni u l-operat tal-materjal ferrovjarju, bl-oġettiv ewlieni li tinkiseb l-ikbar interoperabbiltà possibbli. B'hekk, il-UTPs fl-OTIF għandhom l-istess għan bħall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà (TSIs) tal-UE.

Sabiex tiġi żgurata l-ekwivalenza tal-vetturi awtorizzati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tal-vetturi ammessi għall-operat internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 3a tal-AMTF, jeħtieġ li t-TSIs tal-Unjoni Ewropea u l-UTPs tal-COTIF jibqgħu allinjati.

Il-modifiki proposti għall-adozzjoni mis-CTE se jiżguraw l-ekwivalenza sħiħa kontinwa kif iddefinita mill-AMTF bejn id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-COTIF.

- UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti

Il-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti tistabbilixxi rekwiżiti bażiċi u addizzjonali fir-rigward tal-emissjonijiet ta' storbju għall-materjal fuq ir-roti. Bħalissa huma ekwivalenti għat-TSI dwar l-istorbju speċifikata fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014². L-għan tal-emendi proposti għall-UTP huwa li tiġi pprovduta lill-Partijiet il-possibbiltà li jillimitaw l-użu tal-vetturi antiki, li mhumiex konformi mar-rekwiżiti moderni dwar l-istorbju waqt it-tranżitu fuq linji ferrovjarji ddefiniti fejn l-istorbju huwa sors ta' tħassib.

Nhar is-16 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni adottat modifika³ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014, li temenda l-kamp ta' applikazzjoni tat-TSI dwar l-istorbju, u ddaħħal l-“approċċ tar-rotta l-aktar kwieta” għall-infrastruttura, li għandu japplika

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' “vetturi ferrovjarji — storbju” li temenda d-Deċiżjoni 2008/232/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/229/UE (*ĠU L 356, 12.12.2014, p. 421*).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2014 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-“vetturi ferrovjarji — storbju” għall-vaguni tal-merkanzija eżistenti (*ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 89*).

fl-UE kollha mill-2024 'il quddiem. Il-UTP dwar l-Istorbju futura ma tinkludix id-definizzjoni ta' rotta kwjeta, u l-identifikazzjoni ta' rotta kwjeta titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati kontraenti barra mill-UE. Madankollu, din id-devjazzjoni mit-TSI tal-UE ma titqiesx ta' ħsara għall-UE, dejjem jekk id-data tal-bidu għall-implimentazzjoni tar-rotot kwjeti tkun allinjata mal-UE, billi ma tolgotx it-traffiku minn jew lejn l-UE.

L-għan tad-deċiżjoni tas-CTE li timmodifika l-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti huwa li tinżamm l-ekwivalenza tagħha, kif iddefinita mill-ATMF, mat-TSI dwar l-Istorbju inkluża fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 kif modifikat fl-2019.

Konklużjoni: l-Unjoni Ewropea tista' tivvota favur l-emenda tal-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti kif proposta mill-OTIF.

- UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija

Il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija tistabbilixxi rekwiżiti rigward il-vetturi ddisinjati li jgħorru trakkijiet. Bħalissa huma ekwivalenti għat-TSI dwar il-Vaguni speċifikata fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013⁴.

Nhar is-16 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni adottat modifika⁵ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013.

L-għan tad-deċiżjoni tas-CTE li tiġi mmodifikata l-UTP dwar il-Vaguni tal-Merkanzija huwa li tinżamm l-ekwivalenza tagħha mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 kif immodifikat dan l-aħħar.

Konklużjoni: l-Unjoni Ewropea tista' tivvota favur l-emenda tal-UTP dwar il-Vaguni tal-Merkanzija kif proposta mill-OTIF.

- UTP dwar l-Immarkar tal-Vettura

Il-UTP dwar l-immarkar tistabbilixxi rekwiżiti rigward l-immarkar tal-vaguni. Din il-UTP ma għandhiex TSI ekwivalenti waħda tal-Unjoni Ewropea.

It-Taqsimiet 1 sa 6 ta' din il-UTP bħalissa huma ekwivalenti għall-Appendiċi P tat-TSI dwar l-OPE (l-Anness I tad-Deċiżjoni 2007/756/KE kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2012/757/UE⁶), u t-Taqsimiet 7 sa 18 huma ekwivalenti għall-Appendiċi 6 tal-Ispeċifikazzjoni dwar l-NVR tal-UE (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE⁷).

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE (*ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1*).

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1299/2014, (UE) Nru 1301/2014, (UE) Nru 1302/2014, (UE) Nru 1303/2014 u (UE) 2016/919 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE fir-rigward tal-allinjament mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tal-oġġettivi speċifiċi stipulati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 (*ĠU L 139 I, 27.5.2019, p. 108*).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE tal-14 ta' Novembru 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-operat u l-

Il-Kummissjoni adottat TSI dwar l-OPE ġdida nhar is-16 ta' Mejju 2019, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/773⁸, u Regjistru Ewropew tal-Vetturi ġdid nhar il-25 ta' Ottubru 2018, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614⁹.

L-għan tad-deċiżjoni li tiġi mmodifikata l-UTP dwar l-immarkar huwa li tinżamm l-ekwivalenza tagħha ma' dawn li ġejjin:

- it-Taqsimiet 1 sa 6 tal-Appendiċi H tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 (it-TSI dwar l-OPE), kif immodifikat dan l-aħħar,
- it-Taqsimiet 7 sa 18 tal-Appendiċi 6 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 (EVR).

Konklużjoni: l-Unjoni Ewropea tista' tivvota favur l-emenda tal-UTP dwar l-Immarrkar tal-Vettura kif proposta mill-OTIF.

2.4.2. *Rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet dwar l-Entitajiet Responsabbli mill-Manutenzjoni (ECM)*

Is-sistema ta' ċertifikazzjoni ta' entità responsabbli mill-manutenzjoni tistabbilixxi rekwiżiti u kriterji ta' valutazzjoni applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-ECMs għall-vaguni tal-merkanzija. Bħalissa hija ekwivalenti għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 445/2011¹⁰.

Il-Kummissjoni adottat Regolament ġdid tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019¹¹, li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011, u li se jestendi ċ-ċertifikazzjoni tal-ECM biex tinkludi kull tip ta' vettura mis-16 ta' Ġunju 2020.

L-għan tad-deċiżjoni tas-CTE li tiġi mmodifikata l-Anness A tal-AMTF "Regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni" huwa li tinżamm l-

immaniġġjar tat-traffiku tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li temenda d-Deċiżjoni 2007/756/KE (*ĠU L 345, 15.12.2012, p. 1*).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-regjistru nazzjonali tal-vetturi previst fl-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE (*ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30*).

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u ġestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (*ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5*).

⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (*ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53*).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (*ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22*).

¹¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 (*ĠU L 139 I, 27.5.2019, p. 360*).

ekwivalenza tagħha, kif iddefinita mill-ATMF 3a (5), mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019.

Sabiex tiġi żgurata l-ekwivalenza kontinwa, kif iddefinita mill-Artikolu 3a § 5 tal-ATMF, bejn ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u dawk tal-COTIF, jenħtieġ li r-regoli tal-COTIF jiġu mmodifikati. Ta' min wieħed jinnota li l-ekwivalenza hija ggarantita biss għall-vaguni tal-merkanzija.

Meta mqabbel mar-regoli eżistenti tal-COTIF, it-test propost mis-CTE ma jibdilx b'mod sinifikanti r-responsabbiltajiet jew ir-rekwiżiti li l-ECMs għandhom jilhqqu f'termini ta' ċertifikazzjoni. L-objettiv ewlieni tat-test ġdid huwa li l-kamp ta' applikazzjoni ta' ċertifikazzjoni, li kien limitat għaċ-ċertifikazzjoni tal-ECMs għall-vaguni tal-merkanzija, jiġi estiż lil hinn minn dak ta' qablu, lejn kull tip ta' vettura.

Fil-qosor:

- Iċ-ċertifikazzjoni tal-ECMs tibqa' obligatorju għal kull ECM għall-vaguni tal-merkanzija, u
- iċ-ċertifikazzjoni tal-ECMs hija estiża biex tinkludi ċ-ċertifikazzjoni tal-ECMs għal kull tip ieħor ta' vettura. Għaldaqstant, bħala regoli ġenerali, iċ-ċertifikazzjoni tal-ECMs issir obligatorja, bl-eċċezzjoni li ġejja:
 - l-impriżi ferrovjarji li jwettqu manutenzjoni ta' vetturi, għajr il-vaguni tal-merkanzija, li huma operati biss minnhom infushom, huma eżenti miċ-ċertifikazzjoni obligatorja tal-ECMs. F'tali każijiet, l-Awtorità Kompetenti tal-Istat ikkonċernat għandha taċċerta ruħha li hemm konformità mar-rekwiżiti u l-kriterji ġenerali stabbiliti fl-Anness II tal-proposta.

B'konsegwenza ta' dan, u irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk iċ-ċertifikazzjoni hijiex obligatorja għal ECM partikolari, kull ECM, inkluż dawk mhux iċċertifikati minn korpi ta' ċertifikazzjoni esterni, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-kriterji ġenerali li jiżguraw livelli minimi ta' manutenzjoni, stabbiliti fl-Anness II tal-proposta.

Konklużjoni: l-Unjoni Ewropea tista' tivvota favur ir-rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet dwar l-Entitajiet Responsabbli mill-Manutenzjoni (ECM), kif propost mill-OTIF, dejjem jekk il-modifiki kif iddefiniti fl-Anness ta' dan id-dokument huma inklużi fit-test tal-COTIF.

2.4.3. Rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet dwar ir-Reġistru Nazzjonali tal-Vetturi

L-ispeċifikazzjonijiet attwali tal-NVR applikabbli skont ir-regoli tal-OTIF huma ekwivalenti għal dawk previsti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE.

Fil-qafas tar-raba' pakkett ferrovjarju, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614, li tippredvi speċifikazzjonijiet aġġornati għar-reġistri nazzjonali tal-vetturi tal-UE kif ukoll speċifikazzjonijiet għar-Reġistru Ewropew tal-Vetturi (EVR), li se jissostitwixxu r-reġistri nazzjonali tal-vetturi tal-UE mill-2021 'il quddiem, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE.

Id-deċiżjoni tas-CTE li jiġu mmodifikati l-ispeċifikazzjonijiet tal-NVR hija skattata mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614.

Sal-2021, l-Istati Membri tal-UE se jgħaqqdu l-isforzi tagħhom biex jiġġestixxu l-awtorizzazzjoni tal-vetturi u l-informazzjoni permezz ta' reġistru komuni, l-EVR futur li għandu jissostitwixxi l-NVRs preċedenti ta' 25 Stat Membru tal-UE. Fil-kuntest tal-OTIF, l-EVR b'hekk isir l-NVR għar-reġjun tal-UE. L-EVR jista' jsir disponibbli għal vetturi minn

pajjiżi oħra, b'mod partikolari dawk il-pajjiżi fil-qafas tal-politika tal-veċinat tal-UE li ntrabtu li jimplementaw id-dritt tal-UE permezz ta' ftehimiet bilaterali mal-UE (eż. NO, CH, il-Balkani tal-Punent, eċċ.). Membri oħra tal-OTIF jistgħu jitolbu li jirreġistraw vetturi, soġġett għall-ammissjoni għat-traffiku internazzjonali, fl-EVR.

Konklużjoni: l-Unjoni Ewropea tista' tivvota favur ir-rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet dwar ir-Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi (NVR), kif propost mill-OTIF, dejjem jekk il-modifiki kif iddefiniti fl-Anness ta' dan id-dokument huma inklużi fit-test tal-OTIF.

2.5. Il-kompetenza tal-Unjoni u d-drittijiet tal-votazzjoni

Skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-COTIF approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2011:

“1. Għal deċiżjonijiet fi kwistjonijiet fejn l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva, l-Unjoni għandha teżerċita d-drittijiet ta' votazzjoni tal-Istati Membri tagħha taħt il-Konvenzjoni.

2. Għal deċiżjonijiet fi kwistjonijiet fejn l-Unjoni taqsam il-kompetenza mal-Istati Membri tagħha, għandhom jivvotaw jew l-Unjoni jonkella l-Istati Membri tagħha.

3. Soġġett għall-paragrafu 7 tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni, l-Unjoni għandu jkollha l-istess għadd ta' voti daqs l-Istati Membri tagħha li huma wkoll Partijiet għall-Konvenzjoni. Meta l-Unjoni tivvota, l-Istati Membri tagħha m'għandhomx jivvotaw.”

Skont id-dritt tal-Unjoni, l-Unjoni kisbet kompetenza esklużiva fi kwistjonijiet ta' trasport bil-ferrovija fejn il-COTIF, jew strumenti legali adottati skont il-COTIF, jistgħu jolqtu jew jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regoli eżistenti tal-Unjoni.

Ir-regoli tal-Unjoni se jintlaqtu ċarament mill-adozzjoni tal-modifiki, billi l-oġġettiv tal-miżura huwa li l-UTP dwar l-Istorbu, il-UTP dwar il-Vaguni, il-UTP dwar l-Immarkar, ir-regolamentazzjoni tal-ECMs u l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-NVR jiġu allinjati, rispettivament, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779, u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 kif immodifikata dan l-aħħar.

Billi l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fuq il-kwistjonijiet koperti mill-ħames deċiżjonijiet tas-CTE imsemmija hawn fuq, l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha teżerċita d-drittijiet tal-votazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawn il-ħames deċiżjonijiet.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, jenħtieġ li l-Unjoni tivvota favur.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim¹².

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"¹³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-atti li s-CTE huwa mitlub li jadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti għandhom effetti legali għaliex jimmodifikaw il-qafas legali tal-OTIF billi jallinjaw l-UTPs tal-COTIF mat-TSIs tal-UE, u r-regolamentazzjoni tal-ECMs u l-ispeċifikazzjonijiet dwar ir-Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi mar-regolamenti ta' implimentazzjoni rispettivi tal-UE, u huma vinkolati għall-Unjoni.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi adottata pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw it-trasport ferrovjarju.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 91 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

¹³ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għall-adozzjoni ta' modifiki tal-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, il-UTP dwar l-immarkar tal-vettura, u għall-adozzjoni ta' rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) u l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-reġistri tal-vetturi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 ("il-COTIF"), f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE¹⁴.
- (2) L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni ta' Ċipru u Malta, huma Partijiet għall-COTIF.
- (3) Skont l-Artikolu 13(1) (f) tal-COTIF, ġie stabbilit il-Kumitat tal-Esperti Tekniċi ("is-CTE") tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF).
- (4) Skont l-Artikolu 20(1) (b) tal-COTIF, u f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Appendiċi F (APTU), is-CTE għandu l-kompetenza biex jadotta jew jemenda, fost l-oħrajn, il-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTP) dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti (il-UTP dwar l-Istorbju), il-vaguni tal-merkanzija (il-UTP dwar il-Vaguni), u l-immarkar tal-vettura (il-UTP dwar l-Imminkar). F'konformità mal-Artikolu 13(1), (4) u (5) tal-Appendiċi G (ATMF), is-CTE għandu l-kompetenza wkoll biex jieħu deċiżjonijiet dwar it-tfassil jew il-modifika, it-tgħaqqid jew l-irtirar tar-Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi Ferrovjarji (NVR). Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 15(2) tal-AMTF, is-CTE għandu l-kompetenza biex jadotta u jemenda regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-Entitajiet Responsabbli mill-Manutenzjoni (ECM).
- (5) Is-CTE inkluda fl-aġenda tat-13-il sessjoni tiegħu, li se ssir fis-16 u s-17 ta' Ġunju 2020, proposta għal deċiżjonijiet li jemendaw l-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, il-UTP dwar l-imminkar tal-vettura, u għal

¹⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103 tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (*ĠUL 51, 23.2.2013, p. 1*).

rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ECM), kif ukoll għal rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet dwar ir-reġistri nazżjonali tal-vetturi (NVR).

- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CTE, billi l-modifiki proposti se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) L-objettiv ta' dawk l-emendi huwa li l-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, il-UTP dwar l-Immarkar tal-vettura u r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli għall-manutenzjoni (ECM) jiġu allinjati, rispettivament, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774¹⁵, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776¹⁶, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773¹⁷, u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779¹⁸; l-ispeċifikazzjonijiet dwar ir-reġistri tal-vetturi ġew aġġornati fid-dawl tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614¹⁹.
- (8) L-emendi u l-modifika proposti huma konformi mad-dritt u mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-OTIF mad-dispożizzjonijiet ekwivalenti tad-dritt tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jkunu appoġġati mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fuq l-adozzjoni ta' modifiki tal-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, il-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, il-UTP dwar l-immarkar tal-vettura, u għar-rieżami bis-

¹⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2014 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-“vetturi ferrovjarji — storbju” għall-vaguni tal-merkanzija eżistenti (*ĠU L 139I*, 27.5.2019, p. 89).

¹⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1299/2014, (UE) Nru 1301/2014, (UE) Nru 1302/2014, (UE) Nru 1303/2014 u (UE) 2016/919 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE fir-rigward tal-allinjament mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi stipulati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 (*ĠU L 139 I*, 27.5.2019, p. 108).

¹⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' “operat u ġestjoni tat-traffiku” tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (*ĠU L 139I*, 27.5.2019, p. 5).

¹⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 (C/2019/3582 - *ĠU L 139I*, 27.5.2019, p. 360).

¹⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (*ĠU L 268*, 26.10.2018, p. 53).

sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) u l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tar-reġistri tal-vetturi, għandha tkun din li ġejja:

- (1) għandha tivvota favur l-emendi proposti mis-CTE għall-UTP dwar il-vaguni tal-merkanzija, kif misjuba fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20005-CTE13-6.2-e-UTP WAG Annex u TECH-20005-CTE13-6.2-e-UTP WAG Proposal;
- (2) għandha tivvota favur l-emendi proposti mis-CTE għall-UTP dwar l-immarkar tal-vettura, kif misjuba fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20006-CTE13-6.3-e-UTP MARKING Annex u TECH-20006-CTE13-6.3-e-UTP MARKING Proposal;
- (3) għandha tivvota favur l-emendi proposti mis-CTE għall-UTP dwar l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, kif misjuba fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20004-CTE13-6.1-e-UTP NOI Annex and TECH-20004-CTE13-6.1-e-UTP NOI Proposal;
- (4) għandha tivvota favur ir-rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli għall-manutenzjoni (ir-Regolament tal-ECM), dejjem jekk it-test kif misjub fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20007-CTE13-6.4-e-ECM Annex u TECH-20007-CTE13-6.4-e-ECM Proposal jiġi mmodifikat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;
- (5) għandha tivvota favur ir-rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet rigward ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi (NVR), dejjem jekk it-test kif misjub fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20008-CTE13-6.5-e-vehicle register Annex and TECH-20008-CTE13-6.5-e-vehicle register Proposal jiġi mmodifikat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħhom, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'indikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*